It-Turiżmu ’l Barra minn Malta: K3/2026

NR 200/2026 | It-Turiżmu | Data tal-Ħruġ: 04/11/2026

Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija



Il-Punti ewlenin

- Bejn Lulju u Settembru tal-2026, is-safar ta’ residenti Maltin ’l barra mill-pajjiż laħaq il-284,486 safra (+5.1 fil-mija), filwaqt li l-għadd ta’ ljieli mqattgħin laħaq b’kollox iż-2,121,162 lejl (+1.3 fil-mija).
- L-Italja baqgħet l-aktar destinazzjoni popolari b’sehem ta’ 38.9 fil-mija mit-total.
- Il-bicċa l-kbira tal-iljieli (53.8 fil-mija) kienu mqattgħin f’akkomodazzjonijiet mikrija.
- Fl-ewwel tliet kwarti tal-2026, is-safar ta’ residenti Maltin ’l barra mill-pajjiż laħaq is-704,426 safra (+6.6 fil-mija), filwaqt li l-iljieli kollha mqattgħin fihom laħqu il-5.2 miljun lejl (+6.6 fil-mija).
- In-nefqa kollha fuq it-turiżmu għall-perjodu ta’ bejn Jannar u Settembru tal-2026 kienet stmata li tilħaq is-€691.4 miljun (+1.4 fil-mija), filwaqt li n-nefqa ras għal ras kienet ta’ €982 (-4.8 fil-mija).

Il-Kummentarju

Fit-tielet kwart tal-2026, is-safar ta’ residenti ta’ Malta li ħarġu ’l barra mill-pajjiż kienu stmati li jilħqu l-284,486, żieda ta’ 5.1 fil-mija meta mqabblin mal-istess perjodu tal-2025. L-iljieli kollha mqattgħin barra mill-pajjiż żdiedu b’1.3 fil-mija u laħqu ż-2,121,162.

Lulju–Settembru 2026

Matul it-tliet xhur meqjusa f’din l-istqarrija, saru b’kollox 200,558 safra ’l barra mill-pajjiż għall-btala; warajhom kien hemm 53,021 safra li saru għal żjajjar lil ħbieb u qraba. Il-bicċa l-kbira ta’ dawn it-turisti kellhom bejn il-25 u l-44 sena (44.4 fil-mija), filwaqt li warajhom kien hemm dawk fil-kategorija ta’ bejn il-45 u l-64 sena (31.2 fil-mija) (Tabella nru 1).


It-turisti li siefru biex imorru f’pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u t-turisti l-oħra li telqu biex imorru f’pajjiżi oħra żdiedu bi 3.1 fil-mija u bi 11.5 fil-mija, rispettivament. L-Italja baqgħet il-pajjiż fejn l-aktar li jmorru n-nies minn Malta, b’persentaġġ ta’ 38.9 fil-mija tas-safar kollu (Tabella nru 5).


L-iljieli mqattgħin mit-turisti li siefru fit-tielet kwart tal-2026 laħqu ż-2.1 miljun lejl. L-akbar għadd ta’ dawn l-iljieli (53.8 fil-mija) kienu mqattgħin f’akkomodazzjonijiet mikrija (Tabella nru 2). Matul dan is-safar, it-turisti qagħdu medja ta’ 7.5 iljieli (Tabella nru 1 u Ċart nru 2).

Bejn Lulju u Settembru, l-infiq kollu mit-turisti li ħarġu ’l barra mill-pajjiż kien stmat li laħaq it-€303.0 miljuni, li jiġi daqs medja ta’ €1,065 kull ras u €143 kull lejl rispettivament (Tabelli nri 3 u 4, u Ċarts 3a u 3b).


Jannar-Settembru 2026


Fl-ewwel disa’ xhur tas-sena 2026, is-safar kollu ’l barra minn Malta laħaq is-704,426 safra, li huma żieda ta’ 6.6 fil-mija meta mqabblin mal-istess perjodu tal-2025 (Tabella nru 1). L-iljieli mqattgħin minnhom telgħu b’6.6 fil-mija, u laħqu l-5.2 miljun lejl (Tabella nru 2). Barra minn hekk, l-infiq kollu minfuq minnhom kien stmat li laħaq is-€691.4 miljun, li jiġi 1.4 fil-mija aktar minn dak irreġistrat fl-istess perjodu tal-2025 (Tabella nru 3).











It-Turiżmu

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

- It-Turiżmu Lejn Malta: Settembru 2026
- Il-Passiġġieri tal-Vapuri tal-Kruċieri: K3/2026
- L-Intensità tat-Turiżmu: 2025
- It-Turiżmu Lejn Malta: Awwissu 2026
- It-Turiżmu Lejn Malta: Lulju 2026

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

lcc.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula